# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 49

Il-Ħamis 12 ta' Mejju 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 12 ta' Mejju 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

49.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

49.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 46, tal-laqgħa b'urġenza numru 47 u tal-laqgħa b'urġenza numru 48 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

49.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

49.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

49.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri ressaq suġġeriment ta' resident sabiex tiġi nstallata bozza LED fi Triq Ta' Luvier fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

49.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġibdulu l-attenzjoni li fl-aħħar maltempata kien waqa' ħajt fil-Wied tax-Xlendi li qed jimblokka l-fluss tal-ilma. Issuġġerixxa sabiex dan il-ħajt jerġa' jinbena mill-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil għal dan.

49.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li minħabba li fanal mill-ġodda tal-pjazza ma jistax jiġi nstallat minħabba li se jkun qed jimblokka l-bankina u għalhekk ippropona sabiex dan jiġi nstallat *wall-mounted* minflok. Kien hemm qbil dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

49.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri sabiex il-Kunsill jassisti fix-xiri ta' bżiezaq għall-festa li jkunu bijodegradabbli. Kien hemm qbil mill-membri.

49.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li għaddejja diskussjoni mal-Ministeru Għall-Ambjent, L-Enerġija u L-Intrapiża dwar il-possibilta' li tiġi nstallata *charging pillar* għall-karozzi elettriċi fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar u qed jiġi kkunsidrat l-aħjar post għal dan.

49.3.6 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex jiġi eliminat wieħed miż-żewġ parkeġġi riżervati għall-persuni b'diżabilita' proposti fil-pjanta ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ għall-karozzi normali issa li se jkun hemm parkeġġ għall-karozzi elettriċi wkoll. Kien hemm qbil mill-membri li sabiex dan is-suġġeriment jiġi approvat minn Transport Malta.

49.3.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif approvat u diskuss f'laqgħa preċedenti, wara l-approvazzjoni tal-applikazzjoni għall-fondi kulturali maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Għawdex, Il-Kunsill ser ikun qed jorganizza ġita lejn l-Italja (Toscana u Liguria) bejn is-7 u l-11 ta' Settembru 2022. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza kemm fil-Munxar u anke fix-Xlendi. Il-prezz sussidjat permezz ta' din l-iskema ser ikun ta' €560 għall-adulti u €510 għat-tfal bejn 2 u 11-il sena.

49.3.8 Is-Sindku informa lill-membri li ser tinħareġ sejħa reġjonali għall-offerti għall-ġbir tal-iskart. Is-Sindku tenna li l-iskeda tal-ġbir mistennija tkun waħda komuni għal kull lokalita' f'Għawdex li huwa ta' inkwiet għal-lokalita' tax-Xlendi. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jinforma lill-Kunsill Reġjonali Għawdex li l-Kunsill Lokali Il-Munxar jaqbel mal-proposta li tinħareġ sejħa reġjonali madanakollu għandu jkun il-Kunsill Lokali Il-Munxar li jfassal l-iskeda tal-ġbir fil-lokalita' tiegħu.

49.3.9 Is-Sindku għarraf lill-membri li f'laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex ġiet diskussa l-iskema Reġjonali Ambjent għas-sena 2022 li se tkun tikkonsisti f'sistema innovattiva ta' ġbir tal-iskart taħt l-art. Is-Sindku ppropona sabiex din tiġi proposta li ssir fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

49.3.10 Is-Sindku għarraf lill-membri li f'laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex ġie diskuss il-formazzjoni ta' kumitat reġjonali ġdid li jinvolvi liż-żgħażagħ u għalhekk il-Kunsill għandu jaħtar ambaxxatur lokali sabiex jirrapreżenta lil-lokalita' f'dan il-kumitat.

## 49.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

49.4.1 Il-Kunsillier Joseph Cauchi staqsa dwar il-bini ta' ħajt tas-sejjieħ fl-inħawi tas-Sanap. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol ser isir taħt l-iskema ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ li qed isir b'ko-finanzjament ta' fondi ewropej, madanakollu l-Kunsill qed isib problemi biex jotjeni l-permessi mingħand l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi. Is-Sindku tenna li qed ikompli jagħmel pressjoni u jipreżenta l-informazzjoni kollha rikjesta minn din l-awtorita' permezz tal-Perit tal-Kunsill biex jiprova jotjeni dawn il-permessi.

49.4.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi staqsa dwar in-nuqqas ta' dawl fi Triq Rinota kantuniera ma' Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar. Is-Sindku wieġeb li qed infittxu soluzzjoni dwar dan minħabba li xi sidien ta' proprjeta' fl-inħawi m'aċċettawx li tiġi nstallata bozza LED mal-proprjeta' tagħhom.

49.4.3 Il-Kunsilliera Juliet Attard ressqet suġġeriment minn residenti sabiex jiġu nstallati aktar fanali bħal dawk li saru fil-Pjazza tal-Knisja madwar il-lokalita'. Is-Sindku wieġeb li minħabba l-valur għoli tagħhom ma jkunx possibli.

49.4.4 Il-Kunsilliera Juliet Attard staqsiet dwar il-manutenzjoni ta' bankina fi Triq San Pawl li kienet approvata f'laqgħa preċedenti, kif ukoll dwar it-tindif tal-i*storm water culverts* fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol fuq dik il-bankina mistenni jibda fil-jiem li ġejjin mill-ħaddiema tal-Kunsill, filwaqt li t-tindif tal-*culverts* isir kull sena qabel jibda l-istaġun tax-xita.

49.4.5 Il-Kunsilliera Juliet Attard staqsiet dwar il-possibilta' li jitranġa passaġġ fi Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar jekk dan huwa wieħed pubbliku. Kien hemm qbil mill-membri sabiex l-ewwel ħaġa jiġi determinat jekk dan il-passaġġ hux pubbliku jew privat.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

49.4.6 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis ressqet suġġeriment sabiex isir ħasil u tindif tal-Pjazza tal-Knsija, kif ukoll jitranġa x-xifer li nħoloq bejn il-pavimentar il-ġdid tal-pjazza u t-tarmak tat-triq prinċipali. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol ser isir qabel il-jiem tal-festa.

## 49.5 Proġetti fil-Lokalita';

49.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja miexi b'rittmu tajjeb u qed noqorbu għall-fażi finali tiegħu. L-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett ser jiġi diskuss flimkien mal-Ministeru Għal Għawdex la darba x-xogħlijiet u l-kontijiet mal-kuntrattur jiġu ffinalizzati.

49.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi miexi wkoll u fl-aħħar żmien sar ix-xogħol fuq is-sistema tad-dawl, kisi u pavimentar fis-sular ta' isfel. Is-Sindku informa lill-membri li l-proġett mistenni li jiġi ffinalizzat wara l-aħħar ta' Ġunju 2022 u mhux kif ippjanat minħabba is-sistemi ta' monitoraġġ li ser ikunu qed jagħmlu Heritage Malta u għalhekk ser issir talba għall-estensjoni tal-proġett kif ukoll jiġi ffirmat *addendum* mal-kuntrattur.

49.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett ta' Triq L-Isqawi għaddej ukoll. L-attivita' tat-30 t'April 2022 marbuta ma' dan il-proġett kienet waħda ta' suċċess kbir, il-bankina nbniet ukoll u qed isiru l-preparamenti biex jinbena l-ħajt tas-sejjieħ imbagħad eventwalment tiġi nstallata l-i*street furniture*.

49.5.4 Rigward l-implimentazzjoni tal-proġett minn fondi ewropej 'Rejuvinating Gozo', is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet kompluta l-installazzjoni tas-*safety mats* fi Ġnien il-Professur Aquilina, kif ukoll l-installazzjoni tas-*syntethic pitch* fiċ-Ċentru Parrokkjali. Dawn il-proġetti mistennija jiġu inawgurati fl-20 ta' Mejju 2022 u wara l-inawgurazzjoni ssegwi attivita' sportiva għat-tfal fuq is-*syntethic pitch* fiċ-Ċentru Parrokkjali b'kollaborazzjoni ma' Munxar Falcons FC.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 49.6 Ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill;

49.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri fejn saru xi rimarki wara l-audit li sar għas-sena 2021, kif ukoll ippreżenta risposta ssuġġerita li għandha tintbagħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

49.6.2 Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 49.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

49.7.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kuntrattur li rebaħ l-offerta tax-xogħlijiet tal-waste depot li ser isir fix-Xlendi. Huwa rrimarka li minħabba problemi fil-konsenja ta' xi materjal li akkwistaw minn barra minn Malta għal dan il-proġett, dan mistenni jasal Malta madwar seba' xhur oħra u għalhekk qed jitlob estensjoni għat-tlestija tal-proġett. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil dwar dan ġaladarba l-Ministeru tal-Ambjent jaqbel li jestendi wkoll il-ftehim għall-finanzjament ta' dan il-proġett li kien ġie iffirmat bejn il-Ministeru tal-Ambjent u l-Kunsill Lokali.

49.7.2 Il-Kunsill irċieva risposta mill-Perit tal-Kunsill għall-ilment li kien tressaq dwar bankina fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din ir-risposta tal-Perit tintbagħat lir-residenta.

49.7.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand HSBC Bank Malta plc dwar estensjoni tal-ftehim biex jibqa' jingħata s-servizz tal-ATM fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u s-Sindku ssuġġerixxa sabiex issir laqgħa mar-rappreżentant ta' HSBC Bank Malta plc.

49.7.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand rappreżentant tal-*Gozo Community Choir* sabiex jorganizzaw sessjoni ta' *zumba* fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

49.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand rappreżentant tal-Għaqda tan-Nar Għajn Tuta sabiex għal sena oħra terġa' tittella' xow tan-nar PyroFantasia fit-8 ta' Lulju 2022 bejn id-9.15pm u l-10.15pm fil-limiti tal-Isqawi u tingħalaq it-triq prinċipali tax-Xlendi. Il-membri ma sabux

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

oġġezzjoni dwar dan sakemm ikun hemm il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

49.7.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija BCRS, l-operatur nazzjonali għas-servizz *Beverage Container Refund Scheme*, jinforma lill-Kunsill dwar applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex tiġi nstallata *reverse vending machine* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.6.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar l-interess biex il-berġa tal-lokalita' tiġi kkonvertita *f'Community Clinic* li ser tkun toffri servizzi speċjalizzati għal-Għawdex kollu. Il-Kunsill wera interess biex joffri dan is-servizz.

49.7.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident jilmenta dwar il-problema ta' parkeġġ fi Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi fejn ġie allegat li ħafna garaxxijiet qed jintużaw għal skop residenzjali kif ukoll dgħajjes li qed jokkupaw diversi parkeġġi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand il-Pulizija tal-Komunita'.

49.7.9 Il-Kunsill irċieva notifika mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar kontromandat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bejn Road Construction Co. Ltd u Gatt Enterprises Limited. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Inġinier Mario Cauchi bid-dokumenti tekniċi sabiex tinħareġ is-sejħa għall-offerti biex tinbidel is-sistema elettrika fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina taħt l-iskema SPI/SCI/2/2021 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Fir-rigward tal-istess skema finanzjarja, il-Kunsill irċieva wkoll kwotazzjonijiet għar-restawr tal-aperturi li tammonta għal €2,500 mingħajr l-ispejjeż tal-materjal taż-żebgħa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

49.7.11 Il-Kunsill irċieva kwotazzjonijiet sabiex isir tisbieħ permezz ta' fjuri u pjanti fis-*soft areas* li saru fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri biex dan ix-xogħol jingħata lill-orħos offerent Xerri 's Garden Centre.

49.7.12 Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta - Preżentazzjoni – MOU dwar it-Tneħħija tal-Ħaxix Selvaġġ mill-Passaġġi Rurali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

49.7.13 Kunsill Reġjonali Għawdex – Europe Day Next Generation EU – Business Breakfast – 13th May 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.14 Ċirkulari Numru SPI/SCI/4/2022 – Korsijiet Lifelong Learning 2022/2023 Offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2022/037 – COMPOSE Plus Webinar 19/04/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2022/038 – Workshop – Green Public Procurement 04/05/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2022/039 - ECAD Membership. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2022/040 – Project Development and Writing Training (EU Funds). Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2022/041 – Press Call – Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali nuqqas ta' tqassim ta' boroż b'xejn lir-residenti sabiex jintużaw għas-separazzjoni tal-iskart. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2022/042 – Assemblea Generali Annwali 2022, Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.21 Ċirkulari Nru AKL 2022/044 – Free collection of organic waste from commercial establishments. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.22 Ċirkulari Nru AKL 2022/045 – Verifikazzjoni ta' logbooks. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.23 Ċirkulari Nru AKL 2022/046 – L-Onorarja tas-Sindki. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.24 Ċirkulari Nru AKL 2022/047 – Binjiet mixgħula bl-aħmar – 14 ta' Ġunju – Il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.25 Ċirkulari Nru AKL 2022/048 – Public Speaking and Speechwriting workshop – 19.05.22. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

49.7.26 Ċirkulari Nru AKL 2022/049 – Social Media and Digital Marketing – Malta and Gozo Session. Il-Kunsill innota l-kontenut.

49.7.27 Ilment 23/2022
Residenta titlob sabiex jitneħħa *double yellow line* quddiem il-bieb tal-garaxx tagħha fi Triq il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mingħand Transport Malta.

49.7.28 Ilment 24/2022
Suġġeriment sabiex issir tabella ma' ġenb il-wied tax-Xlendi biex il-*bowsers* u t-trakkjiet li jkunu jimlew l-ilma ma jimblokkawx il-passaġġ. Kien hemm qbil dwar dan.

49.7.29 Ilment 25/2022
Talba sabiex tinqala bozza LED 150/42 u *distribution box* tad-dawl fi Triq ir-Rabat k/m Triq il-Madonna Tal-Karmnu fix-Xlendi u jeħlu ma' arblu li hemm fil-viċin. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

49.7.30 Ilment 26/2022
Talba sabiex tinqala temporanjament bozza LED bin-numru 164/42 fi Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi sakemm jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni u terġa' teħel fl-istess post. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

**49.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

49.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 49/2022-8 għall-perjodu bejn it-8 t'April 2022 u t-12 ta' Mejju 2022 li tammonta għal €291,894.58 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Joseph Cauchi is-sekondant.

**49.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

49.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija. Konfermati illum, l-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR